MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH CASSAR**

Seduta tat-22 ta' Jannar, 2003

Numru 820/2002

**Il-Pulizija**
(Spettur Mario Bonello)
**vs**
**Jesmond Bugeja**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi; Jesmond Bugeja ta` 36 sena bin Alfred u Doris nee` Ellul imwieled Pieta fil-15 ta` Settembru 1966, joqghod 15, Scorpio, Room 12, Dahlet id-Dejr Rabat Malta li ghandu karta tal-identita numru 393744M.

Talli fit-3 ta` Ottubru 2002 ghall-habta tal-04.45pm. ikommetta serq ta` somma ta` flus li l-valur taghha huwa ta` aktar minn mitt Lira Maltin (Lm100), izda anqas minn hames mitt Lira Maltin (Lm500) mill-hanut maghruf bhala Minorca fi Triq il-Kbira San Guzepp Hamrun. Liema serq sar ghad-detriment ta` Ivan Debattista u li huwa

kkwalifikat bil-valur li ma jiskorrix l-elf Lira Maltin u aktar talli huwa recidiv b`diversi sentenzi.

Rat in-nota ta` l-Avukat Generali

Rat li l-akkuzat ma oggezzjonax li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja

Rat li l-akkuzat ammetta l-akkuzi migjuba kontrih.

Issibu hati

Rat l-artikoli 261, 267 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta` Malta kif ukoll l-Artikolu 9 tal-Kap 152 tal-Ligijiet ta` Malta.

Tiddecidi li tapplika l-aktar imsemmi Artikolu stante li r-resfurtiva instaghbet u l-akkuzat qed jaghmel program that is-sorveljanza tas-Social Worker Mary Grace Vella.

Ghalhekk fil-waqt li issib lill-akkuzat hati tilliberah that il-provediment ta` l-Artikolu 9 tal-Kap 152 b`dan li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin m`illum u ghandu jkompli l-program li beda that is-sentenza tal-persuna fuq imsemmija.

Dr Joseph Cassar
MAGISTRAT

--------------------------------TMIEM--------------------------------